# MANUTENZJONI BLA PERIKLU: XOGĦOL MA' KUNTRATTURI U SOTTOKUNTRATTURI

## 1. Introduzzjoni

L-esternalizzazzjoni ilha tendenza frekwenti fin-negozji għal ħafna snin. Rapport u skeda informattiva pubblikati mill-EU-OSHA fl-2002 [1, 2] għamlu enfasi fuq dan l-iżvilupp u kkonkludew li 'issa ħafna kumpaniji jwettqu biss il-funzjonijiet ewlenin b'mod intern filwaqt li funzjonijiet anċillari jiġu esternalizzati. Dan jirriżulta fi ktajjen ta' fornituri u sottokuntratturi inklużi:

- Il-klijent (jew il-kumpanija ospitanti) = *il-kumpanija li testernalizza* l-kompitu. Ix-xogħol ħafna drabi jitwettaq fuq il-post tal-klijent.
- Il-kuntrattur (u l-ħaddiema) = il-kumpanija li tiffirma l-*kuntratt mal-klijent* biex jipprovdi servizzi bħal xogħlijiet ta' manutenzjoni;
- Is-sottokuntrattur (u l-ħaddiema) = it-tielet kumpanija *kuntrattata mill-kuntrattur*, pereżempju għal xogħlijiet speċjalizzati jew anċillari minuri.

Il-manutenzjoni, manutenzjoni korrettiva kif ukoll preventiva, hi attività anċillari tipika li l-intrapriżi ħafna drabi jesternalizzaw billi jiffirmaw kuntratti ma' fornituri ta' servizz esterni. Stħarriġ li twettaq fi Franza wera li l-manutenzjoni hi l-aktar funzjoni esternalizzata fl-industrija fi Franza [3].

F'pajjiżi Ewropej, bejn 10 % u 20 % tal-aċċidenti kollha tax-xogħol u bejn 10 % u 15 % tal-aċċidenti fatali fuq ix-xogħol jistgħu jiġu attribwiti għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni [3][1]. Peress li l-manutenzjoni titwettaq fuq il-postijiet tax-xogħol kollha, din tinvolvi ħafna riskji differenti. Barra minn hekk il-perikli speċifiċi ta' xogħol ma' kuntratturi fil-manutenzjoni jwasslu għal riskju saħansitra akbar ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol [4].

Ħafna drabi s-sottokuntratturi jkollhom rata ogħla ta' aċċidenti okkupazzjonali minn persunal intern tal-impjant [5], [1]. Studju li eżamina l-bażi ta' dejta Franċiża EPICEA dwar aċċidenti fuq il-post tax-xogħol identifika 79 aċċident fl-2002 relatati ma' (sotto)kuntrattar u wera li persunal ta' manutenzjoni (sotto)kuntrattat kienu t-tieni l-aktar grupp komuni ta' vittmi ta' dawn l-aċċidenti, ftit wara ħaddiema ta' manutenzjoni (sotto)kuntratti [6].

## 2. Aspetti dwar saħħa u sigurtà ta' xogħol ma' kuntratturi tal-manutenzjoni

### 2.1. Perikli f'xogħol ta' manutenzjoni

Manutenzjoni hu terminu ġeneriku għal varjetà ta' xogħlijiet imwettqa fis-setturi kollha u kull tip ta' ambjent ta' xogħol. Skont l-ambjent ta' xogħol u l-attività mwettqa, ħaddiema ta' manutenzjoni huma esposti għal varjetà ta' perikli u fatturi ta' riskju. Dawn jistgħu jinkludu perikli bijoloġiċi (eż. batterji, moffa u faqqiegħ fi stallazzjonijiet), perikli kimiċi (eż. solventi, residwi kimiċi, trab, asbestos), perikli ergonomiċi (eż. xogħol f'pożizzjonijiet skomdi, tagħbija tqila), perikli fiżiċi (eż. sħana, kesħa, vibrazzjoni, storbju, xogħol fl-għoli), perikli f'impjant u makkinarju (eż. xogħol fi spazji ristretti, partijiet minn makkinarju li jiċċaqalqu, elettriku) u fatturi ta' riskju psikosoċjali (eż. xogħol solitarju, pressjonijiet ta' ħin). Xi ftit minn dawn il-fatturi ta' riskju, ġeneralment jaffettwaw is-saħħa tal-ħaddiema fit-tul (eż. disturbi muskuloskeletali, problemi tan-nifs, kanċer), filwaqt li oħrajn huma l-kawża ta' aċċidenti tax-xogħol (eż. waqgħat min għoli, ħruq, xokk elettriku).

[1] Għall-istatistika, l-operazzjonijiet (metodoloġija tal-ESAW) li ġejjin kienu definiti bħala 'xogħlijiet ta' manutenzjoni': twaqqif, preparazzjoni, istallazzjoni, immuntar, żmuntar, żarmar, manutenzjoni, tiswija, tuning, aġġustament, tindif mekkanizzat jew manwali ta' postijiet tax-xogħol u magni, monitoraġġ, spezzjoni tal-proċeduri ta' manifattura, postijiet ta' xogħol, mezzi ta' trasport, tagħmir – bi jew mingħajr tagħmir ta' monitoraġġ.

Barra minn hekk, hemm ftit perikli li huma tipiċi ta’ xogħol ta’ manutenzjoni li jistgħu jżidu r-riskju ta’ aċċidenti u esponimenti speċjalment meta kombinati mal-perikli diġà msemmija. Perikli tipiċi relatati ma’ manutenzjoni huma:

- *Ebda jew ftit rutina:* Kull sitwazzjoni ta’ manutenzjoni tista’ tkun sitwazzjoni ġdida għall-ħaddiem. Manutenzjoni preventiva tista’ tiġi mwettqa f’intervalli (eż. darba fis-sena), u manutenzjoni korrettiva f’każ ta’ inċidenti mhux previsti.
- *Ambjent mhux magħruf:* Peress li l-manutenzjoni mhix xogħol ta’ kuljum ta’ rutina, l-ambjent tax-xogħol jew l-istabbiliment fejn issir il-manutenzjoni, jinbidel. Dan ifisser li jistgħu jinqalgħu perikli ġodda anke jekk ix-xogħol ta’ manutenzjoni jibqa’ l-istess.
- *Pressjoni ta' ħin:* Din hi kwistjoni ewlenija għal xogħlijiet ta’ manutenzjoni. Ħafna drabi l-proċess ta’ produzzjoni jieqaf u jkollu bżonn jinbeda mill-ġdid kemm jista’ jkun malajr. Dan jitfa’ pressjoni fuq il-ħaddiema ta’ manutenzjoni biex jaħdmu aktar b’għaġġla milli b’sigurtà.
- *Nuqqas ta’ komunikazzjoni bejn persunal tal-produzzjoni u tal-manutenzjoni:* Il-manutenzjoni ħafna drabi ssir waqt li n-negozju jibqa’ għaddej. Jekk il-produzzjoni u ħaddiema oħrajn ma jiġux infurmati dwar ix-xogħlijiet ta’ manutenzjoni li jkunu għaddejjin dan jista’ jirriżulta f’aċċidenti serji jew anke fatali.

## 2.2. Perikli speċifiċi meta jsir xogħol ma’ (sotto)kuntratturi

Hemm riskji speċifiċi assoċjati mal-esternalizzazzjoni ta’ manutenzjoni.

L-esternalizzazzjoni tirrappreżenta bidla sinifikattiva għall-organizzazzjoni ta’ xogħol u l-arranġamenti għall-impjieg u toħloq sfida għas-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali (OSH). L-isfida għandha tinkludi l-ħaddiema esterni fil-proċessi ta’ ġestjoni tal-klijent. Dan jaffettwa l-ġestjoni tal-kwalità kif ukoll dik tas-sigurtà. Ix-xogħlijiet ta’ manutenzjoni mwettqa mill-kuntrattur(i) huma inkorporati f’xogħlijiet ta’ preparazzjoni u ta’ segwitu li ġeneralment jitwettqu mill-ħaddiema tal-klijent.

**Figura 1: Grafika tal-istadji ta’ manutenzjoni (adattata minn [7])**



L-interruzzjoni fil-proċess tirrappreżenta sfida kemm għal persunal estern u dak intern (ara wkoll [9]), inklużi dawn li ġejjin:

- *Ambjent ta’ xogħol mhux magħruf u perikli mhix magħrufa għall-ħaddiema ta’ kuntratturi* peress li ma jafux il-post tal-klijent u m’għandhomx biżżejjed ħin biex isiru familjari mas-sitwazzjoni.
- *Kumplessità fl-organizzazzjoni tax-xogħol, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet* peress li l-ħaddiema ta’ kuntratt jappartjenu għal organizzazzjoni waħda (in-negozju tal-kuntrattur) imma jaħdmu fl-ambjent ta’ organizzazjoni oħra (in-negozju tal-klijent).
- *Il-preżenza ta’ atturi differenti – klijent u kuntrattur, persunal ta’ produzzjoni u ta’ manutenzjoni*, diversi kuntratturi, u ktajjen ta’ kuntratturi u sottokuntratturi huma sfida għall-koordinament tax-xogħlijiet u l-komunikazzjoni.
- Il-preżenza ta’ kuntratturi u l-attivitajiet ta’ manutenzjoni mwettqa minnhom jistgħu jintroduċu *riskji lil ħaddiema li diġà qegħdin jaħdmu b’mod permanenti fl-istabbiliment.* Pereżempju, il-kuntratturi jistgħu jġibu t-trasport tagħhom stess fuq is-sit jew jużaw tagħmir li jista’ jkun sors ta’ tqabbid, bħal tagħmir ta’ ssaldjar.
- *Differenzi fil-kultura ta’ sigurtà*
- Nuqqas ta’ fehim tar-regoli u l-istruzzjonijiet ta’ sigurtà. Ħafna servizzi esterni joperaw madwar l-Ewropa u jistgħu jimpjegaw ħaddiema migranti. Ħiliet dgħajfa fil-lingwi jistgħu jxekklu l-komunikazzjoni bejn il-klijent u l-ħaddiema tal-kuntrattur.
- *Ħaddiema bla sengħa* jistgħu jinstabu aktar b’mod frekwenti f’impjieg temporanju jew (sotto)kuntrattar.

Kompetizzjoni *qawwija fost (sotto)kuntratturi* tista’ twassal għal sitwazzjonijiet fejn tnaqqis fl-spejjeż jinkiseb akkost ta’ taħriġ, proċeduri ta’ sigurtà, kompetenzi, ħiliet u tagħmir. Għaldaqstant il-klijent għandu jistabbilixxi standards ta’ kwalità minn kmieni fil-proċess ta’ akkwist. Għal aktar informazzjoni dwar prattika tajba fil-proċessi ta’ akkwist, ara l-E-Facts dwar Akkwist ta’ servizzi ta’ manutenzjoni u saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol [8].

# 3. Leġiżlazzjoni

Id-Direttiva Qafas (89/391/KEE) tistabbilixxi l-obbligu ta’ dawk li jħaddmu biex jikkooperaw fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà u biex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-ħaddiema u l-prevenzjoni ta' riskji okkupazzjonali, fejn ħafna impriżi jaqsmu l-post tax-xogħol u għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-ħaddiema rispettivi tagħhom u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema b’dawn ir-riskji.

Id-Direttiva Qafas tistipula wkoll li dak li jħaddem għandu jiżgura li l-kuntratturi u l-ħaddiema tagħhom imqabbda f’xogħol fl-impriża u/jew fl-impriża tiegħu jirċievu informazzjoni adegwata u struzzjonijiet xierqa dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà u miżuri protettivi u preventivi waqt l-attivitajiet tagħhom fil-post tiegħu.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tindirizza l-ħtiġijiet minimi ta’ sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli. Hawnhekk it-terminu ‘postijiet ta’ kostruzzjoni temporanji jew mobbli’ jirreferi għal kull sit ta’ kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħlijiet ta’ bini jew inġinerija ċivili , li jistgħu jinkludu tiswija u attivitajiet ta’ manutenzjoni.

Id-Direttiva tistabbilixxi li l-klijent jew is-superviżur tax-xogħlijiet għandu jappunta koordinatur wieħed jew aktar għal kwistjonijiet ta’ saħħa u sigurtà għal kull sit ta’ kostruzzjoni fejn ikun hemm aktar minn kuntrattur wieħed. Pereżempju, waqt l-istadju tal-eżekuzzjoni tal-proġett il-koordinatur għandu jorganizza kooperazzjoni bejn dawk li jħaddmu, inklużi impjegaturi suċċessivi u persuni li jaħdmu għal rashom (jew kull persuna li l-attività professjonali tagħha tikkontribwixxi għat-tlestija ta’ proġett) fuq l-istess sit, li jikkoordina l-attivitajiet tagħhom bil-għan li jipproteġi l-ħaddiema u jipprevenji l-aċċidenti u perikli għas-saħħa okkupazzjonali.

Dawn id-Direttivi ġew trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri. Dawk li jħaddmu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti jistgħu wkoll jiġu mmultati mill-awtoritajiet nazzjonali skont regolamentazzjoni nazzjonali.

# 4. Prattika tajba

Meta jiġu segwiti prattiki ta’ ġestjoni tajbin tal-OSH fil-manutenzjoni, dawn għandhom inaqqsu milli jseħħu inċidenti u esponimenti u jiżguraw konformità mal-istandards ta’ saħħa u sigurtà. Għalkemm il-manutenzjoni tvarja bejn l-industriji, xi prinċipji bażiċi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta jsir xogħol ma’ kuntratturi:

**1. Ippjanar**

Il-*klijent* hu responsabbli għall-ippjanar tax-xogħlijiet ta’ manutenzjoni. Biex jiġi identifikat kuntrattur kapaċi jagħmel ix-xogħol u biex jiġi permess lil kuntrattur potenzjali li jieħdu deċiżjonijiet infurmati hemm bżonn li jiġi definit ix-xogħol li għandu jsir. Kwistjonijiet li għandhom jiġu kunsidrati jinkludu ħin u riżorsi, perikli u riskji potenzjali, komunikazzjoni, kompetenza u taħriġ, u l-impatt fuq oħrajn fuq il-post tax-xogħol.

Ir-rekwiżiti tal-post, l-aċċess u l-ħruġ, il-ħażna, ir-rimi tal-iskart u ħafna fatturi oħrajn jeħtieġu jiġu kunsidrati wkoll fl-istadju tal-ippjanar. Valutazzjoni ta’ riskju inizjali tista’ titlesta filwaqt li miżuri ta’ kontroll u regoli tas-sit jistgħu wkoll jiġu definiti f’dan l-istadju. Għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-bżonn ta’ permessi ta’ xogħol u proċeduri simili.

**L-għażla tal-kuntrattur u kooperazzjoni waqt l-istadju tal-ippjanar**

Barra minn kompetenza teknika u esperjenza rilevanti, meta jintgħażel kuntrattur għandu jittieħed kont tal-konformità ma’ standards ta’ sigurtà, it-taħriġ dwar OSH, u d-dispożizzjoni ta’ tagħmir xieraq (Ara wkoll l-E-Facts dwar Akkwist ta’ servizzi ta’ manutenzjoni u saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol [8].

Il-kuntrattur għandu jkun involut kemm jista’ jkun malajr fl-ippjanar. Il-klijent għandu:

- ilesti valutazzjoni ta’ riskju adegwata f’kooperazzjoni mal-kuntrattur;
- jipprovdi lill-kuntrattur bid-dokumentazzjoni kollha neċessarja, inkluża dokumentazzjoni tal-valutazzjoni ta’ riskju u dokument tar-reġistru tan-nuqqasijiet f’każijiet ta’ manutenzjoni korrettiva;
- jaqbel mal-kuntrattur dwar prattiki ta’ xogħol sikur u regoli tas-sit;
- jipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja lill-kuntrattur dwar is-sit, it-tagħmir personali protettiv meħtieġ (PPE), l-għodod, il-pjanijiet ta’ emerġenza, eċċ;
- jikkunsidra l-impatt ta’ attivitajiet ta’ manutenzjoni fuq oħrajn li qed jaqsmu s-sit u jinnotifika lil dawk li jistgħu jiġu affettwati;
- jinnomina superviżur li jaf il-post, l-impjant u l-proċessi. Dan is-superviżur għandu jkun responsabbli mill-komunikazzjoni mal-kuntrattur, jinfurmah jew jagħtih istruzzjonijiet u jissorvelja x-xogħlijiet.

L-użu ta’ sottokuntratturi għandu jiġi diskuss u maqbul waqt il-proċess ta’ akkwist, u idealment inkluż fil-kuntratt. Ġeneralment is-sottokuntratturi huma ġestiti mill-kuntrattur ewlieni imma r-responsabbiltà ta’ saħħa u sigurtà tal-klijent jibqgħu l-istess.

**Valutazzjoni ta' riskju**

Miżuri preventivi għandhom jiġu bbażati fuq valutazzjoni ta’ riskju tal-post tax-xogħol imwettqa qabel jinbdew ix-xogħlijiet ta’ manutenzjoni u kemm il-klijent u kemm il-kuntrattur għandhom ikunu parteċipi fihom [9], [10]:

- Il-klijent għandu jwettaq valutazzjoni ta’ riskju għal attivitajiet ta’ manutenzjoni fil-post tiegħu stess.
- Il-kuntrattur għandu jivvaluta r-riskji tal-ħaddiema tiegħu stess.
- Iż-żewġ partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar l-effetti ta’ interazzjoni bejn il-ħaddiema u x-xogħlijiet taż-żewġ partijiet u biex jivvalutaw ir-riskji possibbli li jistgħu jqumu minn din l-interazzjoni.
- It-tnejn iridu jaqblu dwar il-valutazzjoni ta’ riskju u anke dwar il-miżuri preventivi li se jiġu applikati waqt li tkun għaddejja l-manutenzjoni.
- It-tnejn għandhom jinfurmaw lill-ħaddiema kollha li se jkunu parti mill-proċess jew li jistgħu jiġu affettwati mill-manutenzjoni.
- Il-kompiti deskritti jikkonċernaw ukoll sottokuntratturi li għandhom jiġu involuti fil-proċess ta’ valutazzjoni ta’ riskju komuni u jkunu wkoll parti mill-ftehim.

## 2. Preparazzjoni tal-impjant għal manutenzjoni

Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-kumpanija tal-klijent għandhom ikunu ċari u l-espert tas-saħħa u s-sigurtà għandu jiġi involut fil-preparazzjoni tax-xogħlijiet. Bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju, il-klijent għandu bżonn li:

- *jipprepara l-impjant jew it-tagħmir li se ssirlu manutenzjoni billi jimplimenta miżuri ta’ sigurtà adegwati* kif indikat mill-manifattur u jieħu kont tar-riżultati tal-valutazzjoni ta’ riskju. Proċeduri ta’ mblokk għandhom jiġu applikati u jekk hu neċessarju, l-impjant jingħalaq ukoll;
- *juża sistema ta’ permess ta’ xogħol għal xogħlijiet ta’ riskju għoli* (eż. ‘permess ta’ xogħlijiet bil-jaħraq’ għal xogħlijiet ta’ ssaldjar).
- *gwida speċjali tista’ wkoll tiġi mehmuża mal-magni jew l-istallazzjonijiet* (ara hawn isfel l-eżempju tan-noti ta’ konsenja tal-BASF, li jagħtu informazzjoni dwar perikli speċjali jew is-sistema ta’ gwida tal-kulur tal-Electrabel li tiddefenixxi liema parti mill-makkinarju teħtiġilha manutenzjoni);
- *jiżgura ż-żona ta’ xogħol biex* ***jipprevenji aċċess mhux awtorizzat***, pereżempju, billi jintużaw **barrikati u sinjali**;
- *jinforma lill-ħaddiema tiegħu stess dwar ix-xogħlijiet ta’ manutenzjoni*, u jinnotifika lill-oħrajn li jkunu qed jaqsmu l-post li jistgħu jiġu affettwati ;
- *jipprovdi induzzjoni tas-sit* lil dawk kollha li jkunu qed iżuru s-sit għall-ewwel darba, sabiex kulħadd ikun konxju tar-regoli u r-regolamenti tas-sit, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet.
- jiżgura li l-kuntrattur u l-ħaddiema jifhmu l-informazzjoni. (eż. permezz ta’ sessjonijiet ta’ ħidma; ara wkoll l-eżempju ta’ Electrolabel hawn taħt).
- *juża lista ta’ kontroll* biex jiżgura li l-ebda wieħed mill-punti elenkati hawn fuq ma jintesew, speċjalment dawk rigward taħriġ u informazzjoni.

Għal xogħol perikoluż għandhom jintużaw permessi ta’ xogħol (eż. permess ta’ xogħol bil-jaħraq, permess ta’ xogħol bl-issaldjar u xogħol fi spazji limitati). Il-permess ta’ xogħol hu proċedura dokumentata li tawtorizza ċerti ħaddiema biex iwettqu xogħol speċifiku f'tul ta' żmien speċifikat. Dan hu mod kif jiġu kontrollati attivitajiet perikolużi. Danjiddeskrivi liema xogħol se jsir u kif, jistabbilixxi l-prekawzjonijiet meħtieġa biex ix-xogħol jitlesta b’mod sigur, abbażi ta’ valutazzjoni ta’ riskju. Permess ta’ xogħol hu kontroll formali biex jiġi żgurat li l-elementi kollha ta’ sistema ta’ xogħol sigura huma stabbiliti qabel jinbeda x-xogħol [11].

Il-kuntrattur irid jikkoopera mal-klijent. Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ħaddiema tiegħu, **il-kuntrattur għandu bżonn:**

- *jiżgura li l-informazzjoni* dwar perikli u riskji fuq il-post tax-xogħol, l-impjant, ir-raġuni għal manutenzjoni, l-ambjent ta’ xogħol, it-tagħmir personali protettiv (PPE), l-għodod speċjali, ir-rotot ta’ ħruġ u l-ippjanar ta’ emerġenza huma lesti;
- *jivverifika l-valutazzjoni ta’ riskju* filwaqt li jieħu in kunsiderazzjoni l-proċessi ta’ xogħol tax-xogħol ta’ manutenzjoni qabel jibda. *jinforma lill-ħaddiema tiegħu* dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni ta’ riskju u l-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-fatti u l-informazzjoni kollha mogħtija mill-klijent għandha tiġi wkoll mgħoddija lill-ħaddiema;
- jikkunsidra li jagħmel analiżi ta’ riskju tal-aħħar minuta (LMRA) u jipprovdi taħriġ xieraq dwarha lill-ħaddiema (Ara l-eżempju tal-iSPIE, il-Belġju hawn taħt)
- *jipprovdi taħriġ xieraq lill-ħaddiema tiegħu, inkluż* taħriġ dwar saħħa u sigurtà;
- *jipprovdi lill-ħaddiema b’għodod adegwati u l-PPE* meħtieġa biex iwettqu x-xogħol b’mod sigur:
- *jikkontrofirma l-lista ta’ kontroll* mogħtija mill-klijent biex jiżgura li hu ġie infurmat bir-reqqa.

## 3. Waqt ix-xogħlijiet

Waqt li jkunu fuq is-sit, il-kuntratturi għandhom ikunu monitorjati u sorveljati. Meta jiġu monitorjati l-kuntratturi, għandha ssir referenza għas-sistemi siguri ta’ xogħol u r-regoli tas-sit maqbula. Il-livell ta’ sorveljanza jiddependi fuq ir-riskji involuti u fuq l-impatt li x-xogħol tal-kuntrattur jista’ jkollu fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-oħrajn, eż.

sottokuntratturi, persunal tal-klijent u membri tal-pubbliku. Qabel ma x-xogħol jinbeda, għandu jkun hemm qbil fuq il-miżuri ta’ monitoraġġ u sorveljanza.

Waqt xogħlijiet ta’ manutenzjoni, **il-kuntrattur u l-ħaddiema tiegħu** għandhom:

- isegwu *sistemi siguri ta’ xogħol* u regoli tas-sit;
- jużaw *għodod u tagħmir xieraq*, inkluż *tagħmir personali protettiv*;
- *jinfurmaw lis-superviżur f’każijiet ta’ inċidenti mhux previsti* minflok ma jippruvaw jiffrankaw il-ħin u jaqtgħu fil-qasir;
- iżommu s-sit nadif, it-tagħmir, il-materjali u l-ambjent ta’ xogħol ħielsa mir-riskji;
- iżommu aċċess u ħruġ siguri, inkluż aċċess għall-emerġenza;

#### 4. Aċċettazzjoni tax-xogħlijiet u reviżjoni mat-tlestija

Meta x-xogħlijiet jitlestew, huma għandhom jiġu verifikati mis-superviżur bl-għan li dawn jiġu aċċettati b'mod proviżorju jew finali fil-preżenza tal-kuntrattur.

Għandha ssir verifika tax-xogħlijiet mis-Superviżur bl-għan li dawn jiġu aċċettati b'mod proviżorju jew finali fil-preżenza tal-kuntrattur.

Meta x-xogħol ikun tlesta u l-kuntratturi telqu, għandha ssir reviżjoni. L-iskop tar-reviżjoni mhuwiex biss biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-kuntratturi imma wkoll biex ikun valutat kif ġew indirizzati problemi mhux previsti. Reviżjonijiet jistgħu jintużaw għal referenza futura meta jintgħażel kuntrattur.

Qabel jitħaddem mill-ġdid l-impjant, l-istandards ta’ sigurtà għandhom jerġgħu jiġu stabbiliti mill-ġdid. Il-klijent għandu:

- *juża proċeduri ċari u jassenja responsabbiltajiet għall-bidu mill-ġdid* biex jiżgura li l-impjant mhuwiex funzjonanti qabel l-aċċettazzjoni ma tiġi dikjarata b’mod uffiċċjali;
- *jiżgura li m’hemm l-ebda riskju għall-ħaddiema (eż. billi jwettaq valutazzjoni ta’ riskju oħra)* qabel jerġa’ jibda jħaddem l-impjant.

# 5. Eżempji ta’ prattika tajba minn kumpaniji

## 5.1. Analiżi ta’ Riskju tal-Aħħar Minuta, l-SPIE, il-Belġju

L-SPIE hu fornitur ta’ inġinerija elettrika u mekkanika u ta’ servizzi ta’ HVAC (tisħin, veniltazzjoni u arja kundizzjonata), sistemi ta’ enerġija u komunikazzjoni. L-SPIE Belgium ingħatat (flimkien ma' kumpanija imsieħba) kuntratt pluriennali għal xogħlijiet ta’ manutenzjoni mekkanika fi ħdan ir-raffinerija TOTAL fil-port ta’ Antwerp.

Ġiet żviluppata sistema ta’ taħriġ fuq tliet livelli għall-persunal tal-iSPIE involut fuq is-sit ta’ TOTAL. Apparti t-taħriġ tal-VCA, il-persunal tal-iSPIE rċieva l-istess taħriġ bħal persunal tal-klijent għal riskji li huma speċifiċi (jew partijiet minnhom) għall-impjant ta’ TOTAL. Fl-2009, ingħata taħriġ fuq ‘analiżi ta’ riskju tal-aħħar minuta’ (LMRA) lill-persunal kollu. Bħala parti minn dan it-taħriġ, it-tekniċi ġew mgħallma wkoll kif jindirizzaw lil kollegi dwar kwistjonijiet ta’ sigurtà u riskju.

Peress li l-ambjent ta’ xogħol lokali seta’ inbidel bejn il-mument tal-preparazzjoni tax-xogħol u l-intervent tal-manutenzjoni proprja, hu essenzjali li t-tekniċi individwali jkunu kemm jista’ jkun awtonomi dwar l-evalwazzjoni tas-sigurtà. Dwar dan, il-persunal ġie mħarreġ biex jieħu l-ħin ħa jevalwa u jirreaġixxi għal fatturi ta’ riskju li ma ġewx identifikati minn qabel, qabel ma jinbeda kwalunkwe xogħol [12].

## 5.2. Il-'Passaport ta’ Sigurtà'

L-iskemi ta’ Passaport ta’ Saħħa, Sigurtà u Ambjent jiżguraw li ħaddiema kemm tal-klijent u tas-(sotto)kuntratturi għandhom taħriġ bażiku dwar sensibilizzazzjoni ta’ saħħa u sigurtà. Peress li jgħinu l-promozzjoni ta’ prattika tajba, il-passaporti huma mezzi ta’ kif tittejjeb is-saħħa u l-prestazzjoni u kif jitnaqqsu l-aċċidenti u nuqqas ta’ saħħa kkawżata minn xogħol. Il-passaporti huma utli speċjalment għal ħaddiema u kuntratturi li jaħdmu f’aktar

minn industrija jew kumpanija waħda. Għandhom daqs ta’ karta ta’ kreditu b’ritratt u firma. Il-karatteristiċi tagħhom huma [13]

- Passaport juri li ħaddiem għandu taħriġ ta’ sensibilizzazzjoni bażiku u aġġornat dwar saħħa u sigurtà (jew dwar saħħa, sigurtà u ambjent). Uħud minnhom ikopru anke aktar suġġetti.
- Il-passaporti huma mezz ta’ kif jiġi kontrollat aċċess għas-siti ta’ xogħol – ħaddiema b’passaporti validi biss huma permessi jaħdmu.
- Passaport jappartjeni lill-ħaddiem u mhux lil min iħaddem. Ħaddiema jista’ jkollhom aktar minn passaport wieħed jekk ġew imħarrġa f’aktar minn industrija waħda.
- Huma mezz sempliċi għal ħaddiema li jimxu minn industrija għal oħra, jew jaħdmu f’aktar minn industrija waħda, biex juru lil min iħaddem li għandhom taħriġ bażiku.
- Passaport huwa l-punt tat-tluq għal ħaddiem biex isaħħaħ aktar it-taħriġ dwar kwalifikazzjonijiet ta’ saħħa, sigurtà u ambjentali.

Fil-Portugall, il-Passaport ta’ Sigurtà ġie introdott fl-aħħar tal-2001, u attwalment hemm madwar 40 000 passaport li qed jjintużaw. Hemm tmien entitajiet distribwiti b’mod ġeografiku li jipprovdu t-taħriġ meħtieġ. Barra minn hekk, l-użu ta’ passaporti ġie promoss minn aktar minn għaxra mill-akbar kumpaniji Portugiżi [14]. Skemi simili jistgħu jinstabu wkoll f’pajjiżi Ewropej oħrajn, eż. ir-Renju Unit, il-Finlandja.

## 5.3. Saħħa u sigurtà fl-industrija kimika

Fis-sit tal-BASF f’Ludwigshafen, il-Ġermanja, il-manutenzjoni hi f’idejn madwar 7 000 ħaddiem tas-sengħa: 4 000 mill-impjegati tal-BASF u 3 000 kuntrattur. Sabiex jiġu prevenuti aċċidenti waqt xogħol ta’ manutenzjoni, il-BASF introduċiet ġabra ta’ miżuri ta’ sigurtà għall-ħaddiema tagħha u l-ħaddiema tas-(sotto)kuntratturi, inklużi:

- Il-Linji Gwida għas-Sigurtà, is-Saħħa u l-Ambjent huma l-bażi ta’ xogħlijiet ta’ manutenzjoni. Huma jispeċifikaw li qabel jinbeda xogħol ta’ manutenzjoni għandha titwettaq valutazzjoni ta’ riskju, u joffru parir dwar kif dan isir u kif jiġi dokumentat b’mod korrett.
- Sett speċjali ta’ linji gwida intitolati ‘Regoli ta’ sigurtà għal ħaddiema b’ħiliet speċjalizzati’ jiddeskrivu l-miżuri speċifiċi ta’ sigurtà stabbiliti wara l-valutazzjoni ta’ riskju. Dawn il-linji gwida jgħinu lill-ħaddiema biex jieħdu l-prekawzjonijiet xierqa.
- Xogħol ta’ manutenzjoni ma jibdiex qabel is-superviżur responsabbli tal-BASF jiddikjara li l-miżuri ta’ sigurtà preparatorji huma lesti u jikkontrofirma l-permess ta’ xogħol. Is-superviżur jinforma wkoll lill-ħaddiema dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni ta’ riskju, is-sistema ta’ permess ta’ xogħol u t-tagħmir protettiv personali meħtieġ.
- ‘Nota ta’ konsenja’ hi mehmuża mal-komponenti u l-pajpijiet f’kull ħin. Din tagħti ħarsa ġenerali tar-riżultati tal-valutazzjoni ta’ riskju għal xogħol partikolari u tiġbor fil-qosor ir-riskji speċjali li jistgħu jkunu involuti. Din tindika b’mod speċifiku liema sustanza perikoluża – u kemm minnha – jista’ jkun hemm fl-istallazzjoni, u kif għandha tiġi trattata.
- Biex jiġi żgurat li kumpaniji kuntrattwali għandhom l-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-kultura ta’ sigurtà interna u l-istandards, il-BASF tistabbilixxi standards ta’ kwalità dwar sigurtà, saħħa u ambjent (SHE) fil-kuntratti tagħha [15].

## 5.4. Ġestjoni ta’ saħħa u sigurtà f’manutenzjoni ta’ bini

Romec timpjega madwar 5 000 ħaddiem madwar ir-Renju Unit. Ħafna minnhom huma involuti f’manutenzjoni ta’ bini, jieħdu ħsieb servizzi bħal forniment ta’ enerġija, dawl, tisħin, arja kundizzjonata, ventilazzjoni u forniment ta’ ilma u dranaġġ. Ħafna ħaddiema jistgħu jiltaqgħu ma’ materjali jew sitwazzjonijiet li jippreżentawlhom riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom (eż. asbestos, użu ta’ slielem jinfetħu, eċċ.).

Għaldaqstant Romec implimentat sistema ta’ ġestjoni għas-saħħa u s-sigurtà li tista’ tiġi kontinwament aġġornata u reviżjonata fid-dawl ta’ riskji ġodda jew prattiki. Fin-negozju kollu, ġew implimentati proċeduri ta’ sigurtà robusti, sistemi siguri ta’ xogħol u valutazzjonijiet ta’ riskju. Dawn il-proċeduri ġew imsaħħa mill-inizjattivi dwar imġieba ta’ sigurtà disinjati biex joħolqu ambjent ta’ xogħol fejn is-sigurtà hi faċli biex tifhimha u ssir xi ħaġa normali. Saret

enfasi fuq provvediment ta’ taħriġ u żamma ta’ komunikazzjoni mal-ħaddiema kollha, u fuq l-iżgurar li s-sottokuntratturi jaħdmu akont l-istess standards [15].

## 5.5. Ġestjoni ta’ saħħa u sigurtà f’tibdil ewlieni ta’ impjanti

Electrabel fil-Belġju żviluppat sistema ta’ ġestjoni għal tibdil ewlieni tal-impjanti tal-elettriku. Hi tinkludi 700 kuntrattur li huma mqabbda fil-proċess ta’ tibdil. Waqt il-fażi ta’ preparazzjoni, jiġu organizzati tliet laqgħat konsekuttivi. Dawn il-laqgħat jinvolvu l-maniġment tal-OSH tal-klijent kif ukoll il-ħaddiema individwali tal-kuntratturi. Huma jiżguraw li:

- ir-regoli taż-żamma interna tal-impjant huma spjegati lill-kuntratturi;
- tingħata informazzjoni dwar it-tibdil u x-xogħol u l-kompiti mistennija;
- il-kuntratturi jirrispettaw l-istandards ta’ xogħol sigur;
- il-kuntratturi jipprovdu lill-ħaddiema tagħhom b’għodod u materjali li hemm bżonn biex iwettqu x-xogħol b’mod effiċjenti u sigur;
- il-kuntratturi jirrispettaw ‘punti ta’ waqfa’ – sitwazzjonijiet fejn il-kuntrattur irid jieqaf jaħdem immedjatament;
- il-kuntratturi u l-ħaddiema huma infurmati dwar perikli speċjali u riskji ta’ xogħlijiet differenti ta’ manutenzjoni.

Dokumentazzjoni u ftehimiet jgħinu biex tiġi mfakkra informazzjoni rilevanti. Meta l-kuntrattur jibda x-xogħol, hu għandu jiġbor l-iskeda tal-permess ta’ xogħol rilevanti li tiċċertifika li l-istazzjon tax-xogħol hu sigur. Dan hu konfermat ukoll b’karta ħadra mehmuża mal-istazzjon tax-xogħol fil-qasam rilevanti. Il-karta ħadra hi sinjal għall-ħaddiema kollha li qed issir manutenzjoni f’dak l-istazzjon tax-xogħol speċifiku. Magni fil-post li mhumiex parti mix-xogħol huma mmarkati b’karta ħamra ta’ periklu [15].

# 6. Referenzi


[1] EU-OSHA 2002 'Rapport - Forom ġodda ta' relazzjonijiet kontrattwali u l-implikazzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali', Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/reports/206/view

[2] EU-OSHA 2002 Skeda Informattiva 25 - 'Forom ġodda ta' relazzjonijiet kontrattwali u l-implikazzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali', Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/25/view

[3] EU-OSHA 2010 Skeda Informattiva 90 - 'Manutenzjoni u OSH - Stampa statistika', Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/en_90.pdf/view

[4] EU-OSHA 2010 Skeda Informattiva 88 - 'Manutenzjoni bla periklu - ħaddiema sikuri', Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/factsheets/en_88.pdf/view

[5] Tazi, Dounia 2008: Sigurtà u Manutenzjoni tas-Sottokuntrattar ta' Xogħol ta' Manutenzjoni f'Impjant Petrokimiku. http://www.icsi-eu.org/francais/recherche/sous-traitance-securite/Tazi-CISAP-2008.pdf)

[6] EU-OSHA 2010 'Manutenzjoni u sigurtà u saħħa okkupazzjonali - stampa statistika (Rapport)', Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/literature_reviews/maintenance_OSH_statistics

[7] Holmgren, Mattias 2006: Inċidenti u Aċċidenti Relatati ma' Manutenzjoni. Teżi dottorali, Università tat-Teknoloġija ta' Luleå. http://epubl.ltu.se/1402-1544/2006/38/LTU-DT-0638-SE.pdf

[8] EU-OSHA 2012 E-facts 63 - Akkwist ta' servizzi ta' manutenzjoni u saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Disponibbli onlajn fuq: http://osha.europa.eu/en/publications/e-facts/e-fact-63-procurement-of-maintenance-services-and-health-and-safety-at-work/view

[9] Kummissjoni Ewropea 1996 (Ed.): Gwida dwar Valutazzjoni ta' Riskju fuq il-Post tax-Xogħol. http://osha.europa.eu/en/topics/riskassessment/guidance.pdf

[10] Eżekuttiv għas-Saħħa u s-Sigurtà 2002 (HSE, Ed.): Użu ta' kuntratturi, Responsabbiltà Konġunta. http://www.hse.gov.uk/pubns/indg368.pdf

[11] Eżekuttiv għas-Saħħa u s-Sigurtà (HSE) 2005 'Gwida dwar sistemi ta' permess ta' xogħol' Kotba HSE, Suffolk http://books.hse.gov.uk/hse/public/saleproduct.jsf?catalogueCode=9780717629435

[12] EU-OSHA 2011 'Il-Premjijiet Ewropej ta' Prattika Tajba 2010/11 - kampanja Ewropea dwar manutenzjoni sigura' Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/reports/good_practice_awards_maintenance-TEAL11001ENC/view

[13] Eżekuttiv għas-Saħħa u s-Sigurtà (HSE) 2003 'Fuljett - Skemi ta' passaport għas-saħħa, is-sigurtà u l-ambjent: Gwida dwar prattika tajba', Kotba HSE, Suffolk, disponibbli onlajn fuqhttp://www.hse.gov.uk/pubns/indg381.pdf

[14] Instituto de Soldaduro e Qualidade (ISQ) (il-Portugall) 2010 'Passaporte de Segurança', disponibbli onlajn fuq http://www.passaportedeseguranca.com

[15] EU-OSHA 2010 'Manutenzjoni sikura fil-Prattika. Rapport ta' studju tal-każ., Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu/en/publications/reports/safe-maintenance-TEWE10003ENC

# 7. Informazzjoni addizzjonali u aktar riżorsi

- EU-OSHA 2010 'Postijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu. Tajjeb għalik. Tajjeb għan-negozju', Gwida għall-kampanja. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, disponibbli onlajn fuq http://osha.europa.eu//en/campaigns/hw2010/resources/campaign-essentials/campaign-guide/Maintenance_Campaign_Guide_EN.pdf
- Lind, Salla and Nenonen, Sanna (2008) 'Metodoloġija u Teorija - Riskji Okkupazzjonali f'Industrija tal-Manutenzjoni', *Journal of Quality in Maintenance Engineering*, Vol.14 Nru 2, pp.194 ff.
- Verwaltungsberufsgenossenschaft (VBG) 2003 BGI 865 - *Einsatz von Fremdfirmen im Rahmen von Werkverträgen*, Carl Heymann Verlag, Köln.